MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Talba Numru. 182/2011

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**
**Vs**
**Enigma Productions Limited (C-25688)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundanata thallas l-ammont ta' tmien mija u tletin ewro u disgha u erbghin centezmu (€830.49) rapprezentanti ammont dovut lis-socjeta' attrici bhala hlas ta' servizzi u prodotti pprovduti lill-istess socjeta' konvenuta abbazi ta' ftehim bejn il-kontendenti (mmarkata bhala Dok A u Dok B); illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi b'talba ghall-pagament effettiv, izda din baqghet inadempjenti ghat-tali talba, ghalhekk l-ammont ghadu dovut sal-lum.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-29 ta’ Novembru, 2011 mill-Prokuratur Legali Joeline Pace Ciscaldi w l-fatt li rapprezentant tas-socjeta’ konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------